# Jien Hekk Inħoss

(lil oħti Ġuża meta marret soru)

Forsi mhux qalbi biss tixtieq u tara
xejn isbaħ w aqwa għajr il-ġieħ ġewwieni:
Jien hekk inħoss! u xtaqt elf darba ż-żjara
tal-ogħna rè, li noħlom bik ħallieni.

Jien bniedem bħall-oħrajn: fid-dlam t'għajnejja
wassaltkom f'saltna kif ħażżiżtha jiena ...:
u waħda waħda rajtkom bgħid minn ħdejja
fuq tron tat-tiben, tron ta' ħajja għajjiena.

U l-ħolma twettqet ta' din qalbi mħabba,
sakemm ġarrabt fird'oħra minni bħalek:
Lilek ukoll il-ġid ta' darna xabba',
u bdiltna ma' Ħabib għax ġidu fdalek.

Ħallejtni mċaħħad! iżda t-telqa tiegħek
għal għand Għarus bħal dan, tferraħni miegħek.

23.5.1943

AMANTE BUONTEMPO.